**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 17 ta' Ottubru, 2023**

Rikors Numru: 362/23 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 1623/2002)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu kkonferma:

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar is-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elf disa` mija u disa' u disghin (1999), kif jirrizulta mic-certificat anness u mmarkat Dok. A;
2. Illi l-partijiet huma l-genituri ta' E li twieldet fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar ta-sena elfejn (2000) u F li twieled fil-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erba' (2004) u għaldaqstant it-tnejn majorenni u t- tnejn jahdmu fuq bazi full time;

3. Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar James Grech datat hawn anness u mmarkat Dok B
4. Illi ma hemm l-ebda kwistjonijiet rigwardanti manteniment;
5. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra illi illum huma legalment separati minn xulxin, is- separazzjoni de facto ta' bejn il-partijiet sehhet ferm qabel u cioe minn meta ma baqghux jgħixu taht l-istess saqaf. B'hekk il-partijiet illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.
6. illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap 16 tal- Ligijiet ta' Malta.
7. Illi l-esponent qieghed jannetti affidavit tieghu, ma dan ir-rikors, mmarkat Dok C. L-esponenti jissottometti illi huwa m'għandux aktar provi x'jipprezenta f'dawn il-proceduri.

   Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

   i. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A et sequitur tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
   ii. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Qorti joghgobha timponi, huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal- partijiet sabiex huwa jirregistra l-istess.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-4 ta’ Lulju, 2023;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla tiddikjara li m’ghandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta’ Lulju 2019;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi zmien għaxart ijiem millum javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.